# IL-BIDWI

FOLJU MAĦRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

Nru. 1 — IL-ĦADD, IL-15 TA' NOVEMBRU, 1942. — Nru. 1


## SEHEM IL-BIEDJA FIL-GWERRA

BIEX wieħed jifhem il-ħtieġa tal-biedja f'dawn il-Gżejjer fi żmien ta' gwerra m'għandux jagħmel ħaġ'oħra ħlief iġib quddim għajnejh illi 270,000 ruħ jeħtiġilhom igħixu prinċipalment minn dak li jipproduċu 13,000 bidwi. Din il-ħtieġa ssir iżjed qawwija meta mbagħad wieħed jiftakar illi dawn l-istess gżejjer jinsabu imblukkati. Wara li l-isħab tal-Assi għamlu kulma felħu jagħmlu kontra tagħna, wara li kissrulna l-ibliet tagħna, il-knejjes għeżież tagħna u l-monumenti tagħna, u wara li ġabru l-qawwiet ta' l-ajru tagħhom biex jiġu ħawnhekk bin-nhar u bil-lejl, joqtlu lin-nisa tagħna u lil uliedna, allura huma bdew jintebħu li qlub il-Maltin ma humiex magħmula bħalma ħasbu huma. Qalb l-irvini ta' dawn il-Gżejjer tal-"George Cross", qlub il-Maltin baqgħu dejjem sħaħ jittamaw illi l-ħaqq jirbaħ. Iżda l-isħab tal-Assi lilna riedu jirbħuna billi joqtluna bil-ġuħ, u dan fil-fehma tagħhom setgħu jagħmluh billi jitfgħu imblokk ġenerali kontra dawn il-Gżejjer biex ma jħallux "convoys" jaslulna minn barra u b'hekk il-ħażniet ta' l-ikel u ta' ħwejjeġ oħra ta' ħtieġa ma jkunux jistgħu jservuna. Iżda n-"Navy" Ingliża kisret kemm-il-darba dan l-imblokk u ġibitilna ħażniet ġodda meta kien jinħtieġ. Dawn il-ħażniet ma setgħux jaslulna mingħajr sogru kbir u mingħajr telf qawwi sew ta' bastimenti u kemm ukoll tal-ħajja ta' bosta nies. Dan hu biżżejjed biex wieħed jifhem kemm hi prezzjuża kull ħaġa ta' l-ikel li tinsab f'dawn il-Gżejjer, u għalhekk hu dmir tal-Gvern, meta l-affarijiet huma hekk skarsi, li jidħol fin-nofs, jieħu f'idejh il-kontroll tagħhom, u jibda jqassam hu l-ħwejjeġ kollha kif inhu xieraq.

Hi ħaġa naturali li ħadd aħjar mill-bidwi ma jaf x'jagħti r-raba' tiegħu. Il-Gvern iżda, li huwa biss jaf sewwa kif inhi l-qagħda tal-ħażniet tal-pajjiż u x'ħażniet għad jistgħu jaslulna minn barra, ikun fid-dmir li jgħid lill-bdiewa x'jinħtieġ li huma jikkultivaw. Il-bdiewa jgħidu illi r-raba' għandu jiġi maħdum skond in-newba — dan hu tabilħaqq. Fi żmenijiet normali r-raba' għandu jiġi maħdum skond in-newba, iżda fiż-żmien ta' assedju, bħal dan li aħna fih, il-ħtieġa titlob li hu jiġi ikkultivat xort'oħra, għalkemm dan mhux sewwa skond is-sengħa, iżda jinħtieġ isir għall-ġid tal-pajjiż u tal-poplu, u min ifixkel jew jipprova jfixkel il-produzzjoni ta' l-ikel ikun qiegħed jagħmel delitt kbir u jgħin lill-għadu.

Il-Gvern bħalissa sab ruħu f'qagħda li tixbah lil dik ta' dak it-tabib li jkollu jġagħal ħabib tal-qalb tiegħu jagħmel xi operazzjoni kerha. Bħallikieku wieħed li jkollu riġlu marida u t-tabib tiegħu jġagħlu jaqtagħha barra. Jekk il-marid ma jkunx bil-għaqal dan jirrispondi lit-tabib li dan mhux sewwa u m'għandux ikun għax il-bniedem ma jistax jimxi b'sieq waħda. It-tabib dlonk iwieġeb li hu jaf li bniedem ma għandux jibqa' b'sieq waħda, imma ċ-ċirkustanzi jitolbu li jobdi, inkella jkollu jagħżel jew riġlu jew il-mewt! Marid għaqli jaqta' sieqa u jsalva ħajtu.

Jista' jagħti l-kas illi xi ordni li joħroġ il-Gvern ma tkunx tgħodd għal kollox għal xi raba'. Mhux ma tgħoddx għaliex wieħed ikun iżjed jaqbillu jagħmel ħaġa flok oħra, iżda biss għax dik il-ħaġa ma tkunx tista' ssir. F'dan il-kas dak il-bidwi jista' jmur u jfisser id-diffikultà tiegħu lill-Gvern li, jekk jara li hu tabilħaqq kas li jistħoqqlu, jista' jagħtih permess xort'oħra. Biex dan ikun jista' jsir il-Gvern ħatar Uffiċjali Distrettwali tal-Biedja sabiex dawn iduru lill-bdiewa u jitħaddtu mal-kumitati tal-"Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa" li hemm f'kull raħal—u dan l-Uffiċjal ikun jista' jressaq quddiem il-Gvern il-kummenti kollha tagħhom. Dawn l-Uffiċjali jkunu jistgħu wkoll ifiehmu lill-bdiewa dak li jkun irid il-Gvern. Dawn l-Uffiċjali issa għandhom l-uffiċċju tagħhom iż-Żurrieq, iż-Żejtun, Birkirkara, San Pawl il-Baħar, il-Mosta, ir-Rabat, u Għawdex (ir-Rabat u x-Xagħra).

Kull bidwi li jidhirlu li għandu xi ħaġa x'igħid, jew xi ordni li jidhirlu ma jistax jesegwiha sewwa, għandu minnufih jitkellem fuqha mal-Kumitat tar-Raħal tiegħu u dan il-Kumitat, **wara li jistħarreġ l-affari sewwa u bil-ħaqq,** jekk jidhirlu li dak il-bidwi tabilħaqq għandu raġun, igħarraf minnufih lill-Uffiċjal Distrettwali tal-Gvern fuqha. B'hekk, jekk l-affarijiet jinħadmu bil-għaqal, ma għandux għaliex ma jkunx hemm l-ikbar ko-operazzjoni bejn il-Gvern u l-bdiewa.

L-ordnijiet li ħareġ il-Gvern li jolqtu lill-bdiewa kollha huma illi kull bidwi għandu jiżra' nofs ir-raba' tiegħu qamħ u l-kumplament għelejjel oħra ta' l-ikel, imma kemm jista' jkun patata. Dan hu bil-bosta meħtieġ imħabba l-posizzjoni serja tagħna. Il-bdiewa li gemgmu juru li huma għad ma fehmux kemm hi tabilħaqq serja l-qagħda tagħna. Biex ikun żgur illi l-affarijiet jiġu mfissra sewwa lill-bdiewa, u biex il-bdiewa kollha ta' Malta u Għawdex ikun jista' jkollhom l-aħħar aħbarijiet dwar il-biedja u tagħlim ieħor tajjeb għalihom, il-Gvern issa ħareġ dan il-perjodiku, "IL-BIDWI", biex miċ-ċokon tiegħu jgħinkom u jgħin lil pajjiżna biex niksbu r-Rebħa. Ħsieb Hitler u sieħbu hu li joqtluna bil-ġuħ, ir-risposta tagħna għandha tkun waħda: **ningħaqdu lkoll flimkien biex nagħtu lil pajjiżna qamħ iżjed, patata iżjed u ħwejjeġ ta' l-ikel iżjed.** Mela, naħdmu flimkien għar-Rebħa!

# AVVIŻI LILL-BDIEWA

DAWN l-ordnijiet huma ta' importanza kbira għall-bdiewa u għandhom jinqraw bir-reqqa kollha :—

1. **TGĦAM** — Dawk il-gabillotti jew sidien ta' artijiet li qegħdin jaħdmu iżjed minn ħames tomniet raba' li jista' jinħadem għandhom jiżirgħu għallinqas nofs dan ir-raba' b'qamħ, xgħir jew maħlut ma' tul l-istaġun tas-snin 1942-43. Meta wieħed jikkalkula n-nofs tar-raba' li għandu jinżara' b'tgħam, il-wiċċ ta' l-art imħawla siġar tal-frott, dwieli u saqwi jista' jitnaqqas mit-total ta' wiċċ ir raba' jew art għaż-żrigħ bit-tgħam.

2. **SILLA** — Infakkru lill-bdiewa illi ebda bidwi ma jista' jiżra' iżjed minn tomnejn silla jew prodott tal-miżwet għall-għalf tal-bhejjem. Jekk il-bidwi għandu iżjed minn bhima waħda tat-tagħbija jew għbid u jixtieq jiżra' iżjed minn tomnejn silla, huwa għandu jiddobba permess minn għand l-Uffiċjal Distrettwali tal-Biedja tad-distrett tiegħu. Jekk huwa jkun żara' diġa iżjed minn tomnejn silla u għandu iżjed minn bhima waħda tat-tagħbija jew għbid, huwa għandu jaħseb ukoll biex jiddobba dan il-permess, għaliex inkella jkollu jaħrat dik is-silla żejda li jkun żara' il fuq minn tomnejn.

3. **PRODOTTI OĦRA TAL-ĠWIEŻ.** — Barra minn żofsfa, ebda bidwi ma jista' jikkultiva ġilbiena bajda jew sewda, qamħ ir-rum, jew prodott ieħor tal-ġwież, iżda jekk irid jista' jiżra' nofs tomna furrajna.

4. **AGRUMI** — Hadd ma jista' jbigħ larinġ u mandulina ħlief lill-Gvern jew lis-sensala li jkollhom liċenza mid-Dipartiment tal-Biedja. Il-qtugħ u l-għbir ta' larinġ u mandulina qabel il-21 ta' Novembru hu ipprojbit. Il-frott tal-larinġ u mandulina jinxtara bl-użin bil-prezz li jkun iġib 7s. 6d. it-tużżana għal larinġ imdaqqas.

5. **PATATA** — Il-Gvern bi ħsiebu jiġbor il-wiċċ tal-patata kollha tax-xitwa sabiex tkun tista' titqassam bil-qies u skond ma jixraq fost il-pubbliku. Meta jkun il-waqt il-bdiewa jkunu avżati **fejn** u **meta** huma għandhom jikkunsinnaw il-patata tagħhom. Huma jitħallsu tagħha bi prezz tajjeb u l-għbir u l-ħlas isir xorta waħda bħalma sar fil-Għbir tal-Qmuħ. Il-patata tax-xitwa ma tistax tinqala' qabel il-21 ta' Novembru. Hadd ma jista' jixtri jew ibigħ ħlief b'mezz ta' neguzjant awtorizzat mill-Gvern, u kull min jikser dan l-Ordni jkun ħati ta' ħtija li għaliha jista' jeħel il-piena ta' millinqas £20.

6. **SULFAT TA' L-AMMONJA** — Dawk il-bdiewa li għandhom iżjed minn għaxart itmien raba' għandhom il-jedd jixtru minn għand in-neguzjanti tal-pajjiż dik il-kwantità ta' sulfat ta' l-ammonja skond in-numru ta' tomniet raba' li kitbu fiċ-ċensiment tar-raba'. Dawk il-bdiewa li għadhom ma ġabrux il-kwantità ta' sulfat ta' l-ammonja li tmisshom jistgħu jmorru jiġbruha minn għand in-neguzjant tad-distrett tagħhom.

7. **ĊENSIMENT TAR-RABA'**—Dawk il-bdiewa li għadhom ma marrux jinkitbu fl-aħħar ċensiment tar-raba' għandhom minnufih jaħsbu jmorru jinkitbu fl-Uffiċċju tal-Biedja, il-Hamrun, jew ir-Rabat t'Għawdex. Dawk il-bdiewa li ma jmorrux jinkitbu ma jkunux jistgħu jieħdu demel artifiċjali, żerriegħa ta' qmuħ u tal-patata, żerriegħa tal-ful u tal-ħaxix, qamħ avarjat jew ġwież biex jitimgħu l-bhejjem tagħhom jew pitrolju biex isaqqu.

8. **PITROLJU GĦAT-TISQIJA U ĦRIT BIL-MUTUR** — Għalissa mhux sa jingħata iżjed irrazzjon tal-pitrolju għat-tisqija u għall-makni tal-ħrit. Kull bidwi li jkollu bżonn urġenti ta' pitrolju għal dan ix-xogħol għandu jiddobba ċertifikat bil-miktub minn għand l-Uffiċjal Distrettwali tal-Biedja tad-distrett tiegħu fejn dan jiċċertifikalu illi l-ħrit isir bil-mutur u ma jistax isir bil-bhima jew li t-tisqija hija assolutament meħtieġa għall-prodott jew raba' li jkun.

9. **ŻRIGĦ JEW TAĦWIL TA' PRODOTTI BEJN ID-DWIELI U L-QAQOĊĊ** — Infakkru lill-bdiewa illi bejn id-dwieli għandu jinżara' bil-ful u piżelli u bejn il-qaqoċċ bit-tadam ma' tul l-istaġun li fiha jkunu bla weraq. Jekk jixtiequ li bejn dawn il-prodotti jiżirgħu prodotti oħra tajbin għall-ikel tal-bniedem huma għandhom jieħdu l-ewwelnett il-kunsens ta' l-Uffiċċjal Distrettwali tal-Biedja.

10. **UFFIĊJAL DISTRETTWALI TAL-BIEDJA** — Inħatru tmien Uffiċjali Distrettwali tal-Biedja sabiex jagħtu pariri direttament lill-bdiewa u b' mezz tal-Kumitati ta' l-Irħula tagħhom dwar il-pulitka u ordnijiet tal-Gvern u sabiex iwissu lill-bdiewa kif għandhom jimxu skond din il-pulitka jew ordnijiet tal-Gvern. Meta jiġihom xi dubju, il-bdiewa għandhom jieħdu l-parir ta' l-eqreb Uffiċjali Distrettwali tal-Biedja li qegħdin bl-uffiċċju tagħhom kif imsemmi hawn taħt :—

Is-Sur Joseph Bugeja, Triq San Pawl, 58, San Pawl il-Baħar.
Is-Sur Manwel Bajada, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, ħdejn il-"Protection Office".
Is-Sur Jos. Pace, 91, Triq Santa Margarita, Siġġiewi.
Is-Sur Karmnu Pace, 60, Triq San Mikiel, Żurrieq.
Is-Sur Louis Darmanin, Triq Braret, Birkirkara.
Is-Sur Karm. Said, 48, Misraħ il-Knisja, Żejtun.
Is-Sur George Grech, l-Uffiċċju tal-Biedja, ir-Rabat, Għawdex.
Is-Sur J. Orlando Smith, l-Uffiċċju ta' l-Informazzjonijiet, ix-Xagħra, Għawdex.

11. **KSUR TA' REGOLAMENTI TAL-BIEDJA** — Mill-31 ta' Lulju, 1942, tressqu 178 kas quddiem il-Bord għat-Twettiq tal-Biedja; il-biċċa l-kbira ta' kundanni kienu fuq prodotti li nxtraw direttament minn għand il-bdiewa, fejn, għal din il-kontravenzjoni l-ħati jeħel il-piena ta' millinqas £20. Kien hemm ukoll numru ta' taħħana u bdiewa li ġew imħarrkin talli taħnu xi qmuħ kontra l-liġi. Il-Bord tal-Qbejjel ittratta 20 appell li saru minn bdiewa kontra sid l-art li għollielhom il-qbiela, kif ukoll appelli kontra s-sidien li riedu jarġgħu jieħdu taħt idejhom ir-raba' minn għand il-gabillotti.

GĦARAQ IL-BIDWI HELSIEN TAL-GŻIRA.